MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1970/2002

**Pauline Giordamina**

**Vs**

**Anthony ahjar maghruf bhala Twanny Scerri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm260.00c (mitejn u sittin lira Maltin) rappresentanti depositu li affettwat l-istess attrici mal-konvenut sabiex dan jikkonsenjalha oggettti ordnati minnha konsistenti f' gallarija u shower skond dokumnet hawn anness u mmarkat bhala "Dok PG1" liema oggetti qatt ma gew ikkonsenjati mill-konvenut lill-attrici.

Bl-imghax legali skond il-ligi mid-data tal-hlas u cioe` mis-

17 ta’ Marzu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluz dik tal-ittra legali u interpellatorja datata 23 ta’ Lulju, 2002 hawn annessa u mmarkata bhala dokument “PG 2”.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni..

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**